MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 13/K7/2013 |
| Data: | It-Tlieta 28 ta' Jannar 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Matthew Agius |
| | KAS | Mary Rose Mifsud |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużati | Sur Emanuel Brincat |

## AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat il-Ħamis 21 ta' Jannar, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 12/K7/2013.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar.
6. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitati
7. Affarijiet oħra jekk urgenti
8. Aġġornament.

**Seduta Numru 13/14**

603 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 12/K7/2013.**

604 Il-Minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

**2. Materji tal-Minuti**

605 Materja 547: Is-Sur Selvaggi saqsa jekk hux ser jitqabbad kuntrattur biex issir ir-rampa. Il-Kunsill qabel li din tista tiġi kkunsidrata wara li jiskadi l-kuntratt li għandu l-Kunsill bħalissa mar-Road Maintenance Services Ltd.

606 Materja 548: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq il-'cameras' li ħadu l-ELV. Is-Segretarju spjegat kif l-ELV qed jiċċekjaw mal-Melita rigward kif il-Kunsill ser ikun jista jaċċessa l-filmat li jiġbed il-'camera'. Għandu jagħti risposta fil-jiem li ġejjin dwar l-ispejjeż involuti. Ġie spjegat ukoll li għadu ma ħariġx id-Default Notice għax il-kuntratt magħluq. Is-Sindku kkonfermat li saret laqgħa mal-kuntrattur SRF Cleaning u li ġie deċiż li qabel isir xi bdil fis-sistema tal-ġbir ta' l-iskart aħjar wieħed jistenna l-Whitepaper fuq il-Waste Management li suppost toħrog sa l-aħħar tax-xahar.

607 Materja 549: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq il-proċess tal-kwotazzjonijiet tat-tindif tal-Kunsill. Is-Segretarju qalet li ser tagħmel laqgħa biex il-proċess ikompli.

608 Materja 580: Is-Sur Maurice Agius qal li fuq programm tar-Radju fuq l-RTK attenda Perit mit-TM u ġie mistoqsi fuq il-linji l-bojod li saru fi Triq ix-Xatt tal-Imsida. Qali li dan il-Perit qal li qatt ma kien messa saret linja safra li ssir bajda.

Qal minħabba din il-ħaġa r-residenti qed jaqilgħu ċ-ċitazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet id-dettalji tal-programm u l-isem tal-Perit biex tkun tista tikteb lit-Transport Malta biex ineħħuhom. Is-Sur Maurice Agius qal li ser jipprovdi dawn id-dettalji. Ġie imsemmi wkoll li xi sidien ta' l-istabilimenti kummerċjali ta' dik iż-żona, għalkemm qed jilmentaw fuq il-linji, għamlu rampa bla permess.

609 Materja 551: Is-Sindku informat lill-Kunsill li saret laqgħa mal-Maġġur u bagħat ir-rati tal-Pulizija. Is-Sur Matthew Agius qal li hu qed jirċievi ħafna ilmenti fuq l-iskart f'diversi żoni u din l-azzjoni għandha bżonn tittieħed mill-aktar fis. Is-Sindku ħa tibgħat l-aktar żoni li hemm problemi. Il-Kunsilliera talbu li s-Segretarju tkun informata b'fejn ser ikunu l-Pulizija biex il-Kunsill ikun jista jiċekja li l-inforzar qed isir. Is-Sur Selvaggi gibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera biex jekk jaraw lil xi ħadd joħroġ l-iskart barra l-ħin jew mhux fil-post fejn suppost ikelmuhom u jikkoreġuhom pero' mhux xogħol il-kunsilliera li jieħdu l-liġi f'idejhom. Il-Kunsilliera kollha qablu li saru diversi twissijiet li r-residenti li qed joħorġu l-iskart iżda l-problema ma ssolvietx. Għalhekk f'dan l-istadju jaħsbu li l-infurzar ta' din il-liġi tista tgħin biex tbiddel l-aġir tar-residenti.

610 Materja 553: Is-Sur Selvaggi talab informazzjoni fuq iż-Żebra Crossing ta' Triq il-Wied u s-Segretarju informatu li t-TM talbu proposta mingħand Perit. Qalet ukoll li l-Perit hu informat u li suppost ser tintbgħat. Saret diskussjoni fuq il-laqgħa li saret mal-Perit Audrey Testaferrata Denoto fuq ix-Xatt ta' L-Imsida u s-Segretarju informat lill-Kunsill li ser tibgħat kopja ta' dawn il-minuti lil kullħadd. Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq iż-Żebra Crossing ta' Triq Dun Karm pero' ġie informat li l-laqgħa kienet speċifikament fuq Triq Xatt L-Imsida. Din il-materja ġiet diskussa waqt laqgħa mas-Sur James Piscopo u s-Segretarju se titlob direzzjoni mingħandu.

611 Materja 556: Is-Sur Maurice Agius qal li kien qed jistenna tweġiba mingħand is-Sur Brincat pero' llum mhux preżenti. Is-Sur Maurice Agius qal li ser jiftiehem ma' Louis biex imorru jaraw il-parking bay ta' Triq Johnny Catania.

612 Materja 557: Is-Sur Bartolo qal il-Kalendarji tqassmu minnu u mill-ħaddiema tal-Kunsill biex il-Kunsill iffranka l-flus li s-soltu jitħallsu lit-3D Distributors. Qal l tqassmu kalendarji wkoll l-Iskola Primarja u d-dar ta' l-Anzjani. Is-Sur Bartolo talab biex bil-flus li ffranka jagħmel l-arbli ta' fuq il-bejt. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. L-Ambaxxatur, Jean-Claude Borg, ġibed l-attenzjoni li li ġieli tqabbdu l-Kummissjoni Żgħażagħ Banda Melita biex iqassmu dan il-materjal u kienu jieħdu xi ħaġa tal-flus. Il-Kunsilliera qalulu li ġieli, meta tqassmu l-materjal b' dan il-mod, ma ġewx imqassma tajjeb.

613 Materja 564: Il-laqgħa li kellha ssir aktar kmieni llum ma' L-AVIS ġiet posposta. Il-Kunsill ġie informat li l-Ispettur qal li t-tank tal-petrol huwa magħluq b'ordni tal-Qorti. Is-Segretarju qalet li ser tibgħat imejl lill-Kunsilliera kollha bid-diskussjoni li saret ma' l-Ispettur waqt il-laqgħa tal-14 ta' Jannar. Il-Kunsilliera tkellmu fuq ħanut ta' l-l'spare parts' li jħalli l-kartun barra u anke fuq persuna li ġieli tirraporta

li ħadd ieħor qed joħroġ skart barra l-ħin u hi wkoll qed toħroġ il-kartun barra. Is-Sur Bartolo reġa ġibed l-attenzjoni li Vivien Commercials għalqu Triq it-Torri u ma kienx hemm Warden.

614 Materja 564: Fir-rigward tal-bini perikoluż fi Triq San Alwiġi s-Sindku qalet li bagħtet 'reminder' lill-Ispettur.

615 Materja 565: Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq rapport li għamel lill-Kunsill fuq xi ħadd li kien qed jitma l-ħamiem u qal li l-Pulizija damu nofs siegħa biex telgħu mill-Għassa. Is-Segretarju informat lill-Kunsilliera li jekk jaraw li xi ħadd jikser xi liġi jew bye-law iridu jikkuntatjaw l-Għassa mal-ewwel biex l-għassa jkunu jistgħu jieħdu l-passi neċessarji. Qalet ukoll li inutli jirraporta l-Kunsill għax la hi ma tkunx rat l-azzjoni mhix se titla tixhed hi għan-nom tal-Kunsill jekk jittieħdu proċeduri legali kontra xi ħadd. Is-Sur Maurice Agius qal li l-Għassa ġieli ma jweġbux it-telefon u li jixtieq li l-Ispettur ikun informat li dawn il-jumejn ma kienx qed jitwieġeb it-telefon fl-Għassa.

616 Materja 571: Is-Segretarju qalet li saret spezzjoni fuq il-'lift' mill-ħaddiema tal-Ing Ray Spiteri u l-ħaddiema tas-Schindler u qed tistenna risposta dwar il-kundizzjoni tal-'lift'.

617 Materja 574: Saret diskussjoni fuq il-kundizzjoni tat-Triq Achille Ferris u s-Segretarju qalet li hi informat lit-TM fuq il-kundizzjoni tat-Triq. Sar qbil li nibgħatu lil-Perit tal-Kunsill biex jara t-triq u jagħmel rapport u li xi ħadd jispjegalu d-dettalji ta' dan il-każ. Is-Sur Matthew Agius qal li jekk jinstab li hemm periklu l-aħjar li niktbu lit-TM b'mod legali u mhux sempliċiment b'ittra. Is-Sur Selvaġġl qal li jekk jinstab il-periklu importanti li tingħalaq it-triq temporanjament.

618 Materja 578: Hemm problema fuq id-dwal ta' ħdejn il-Junior College. Dawn issewwew min-Nexos pero' reġgħu ntfew. Ser jerġgħu jikkuntatjaw lill-Enemalta biex isewwu dawn il-ħsarat. Fuq id-dwal ta' ħdejn il-Knisja ser jkomplu jikkomunikaw ma' l-Enemalta s-Segretarju u s-Sur Bartolo.

619 Materja 580: Is-Sur Maurice Agius talab kopja tal-permess tal-MEPA li ħareġ fuq il-ġnien.

620 Materja 584: Is-Sur Bartolo informa lill-Kunsill li għadu qed jipprova jġib id-dettalji mingħad is-Sur Aquilina rigward il-festin tan-nies b'diżabilita'.

621 Materja 587: Is-Sur Bartolo qal li l-parteċipazzjoni fil-Kompetizzjoni tal-Milied għat-tiżjin tad-dgħajjes fl-Imsida ma tantx kienet suċċess minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni. Qal pero li kien hemm il-pontoon imżejjed mill-Kumpanija Creek Developments Ltd, u li dan huwa bidu tajjeb.

622 Materja 589: Is-Sur Agius ser jipprovdi aktar informazzjoni fuq il-pjan tal-Kapillan għax-xogħolijiet fuq il-Knisja fil-laqgħa li jmiss.

623 Materja 591: Il- Kunsill kiteb ittra lil MEPA fejn wera il-preokkupazzjoni fuq il-parkeġġ jekk il-permess tal-bini ta' L-Awtorita' tad-Djar ser jibdqa kif kien il-permess oriġinali. Il-Kunsill qed jistenna risposta għal-laqgħa.

624 Materja 595: Is-Sur Brincat kellem lill-Kuntrattur tat-triq li qeda magħluqa ħdejn Ċensu Farrugia u kkonferma li din il-ġimgha ser tkun miftuha t-triq. Il-Kunsill qabel li jekk ma tkunx miftuha t-triq sa tmiem il-ġimgha l-Kunsill jipproċedi b'azzjonijiet legali. Il-Kunsill ġie informat li kemm il-PC u l-PA Applications li iddaħlu l-MEPA u li jonqos li kull applikazzjoni tingħata r-riferenza tagħha.

625 Materja 600: Il-Kunsill ġie informat li l-proċeduri biex il-Kunsill jipparteċipa fi Skema ta' Community Workers mall-Facilita' Korrettiva ta' Kordin huma mexjin u li ser issir laqgha għada propju biex jiġi ffinalizzat dan il-proċess.

626 Materja 601: Il-Kunsill ġie informat li saret laqgha mal-Kuntrattur SRF fejn is-Sindku u s-Segretarju ġew informati biex jagħmlu laqgħa mal-Greenpak u l-Green MT fuq is-servizz ta' riċiklagg. Is-Sur Maurice Agius wera x-xewqa li jkun preżenti u fakkar lis-Segretarju li kull ġurnata barra l-Erbgħa tkun tajba għalih.

## 3 Korrespondenza

627 41/0043 − Il-Kunsill ġie informat bir-risposta tal-Awtorita' tad-Djar fuq Triq Garċin u li l-Perit tal-Kunsill suppost ser iwieġeb għan-nom tal-Kunsill. Il-Kunsill gie informat li l-ispiża li qed isemmu mhux biss biex jitressaq il-ħajt imma biex issir it-triq meta jitressaq dan il-ħajt.

628 41/0034 − Il-Kunsill irċieva talba ta' kumpens ta' persuna li għamel ħsara lit-tajrs tal-karozza minħabba ħofra fl-Imsida Circus. Minħabba li kien hemm rapport tal-Pulizija il-Kunsill approva li jingħata il-kumpens mitlub (€231.99) u anke li tissewwa din it-toqba minnufih.

629 41/0037 − Il-Kunsill ġie informat li t-TM talab biex issir Traffic Count fi Triq Sant Andrija qabel jagħti konferma fuq il-parkeġġl li ġew mitluba f'din it-triq. Is-Segretarju ser tibgħat ir-risposta wara li Joe Demarco jikkonkludi l-istudju.

630 41/0032 − Il-Klabb tal-Futbol għamel talba biex jagħmlu Digital Advertising Board ħdejn il-Klabb. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, basta jinkisbu l-

permessi neċessarji u li jirriklamaw bi prudenza minħabba li din ser tkun qrib il-Knisja. Il-Kunsill jixtieq iżomm id-dritt li jkun jista jirreklama l-attivitajjiet li jsiru fil-lokal b'xejn.

631 41/0020 − Intbagħtet ittra mill-Project Consultancy Services Unit biex jinformaw lill-Kunsill fuq ix-xogholijiet li qed isiru minħabba l-Flood Relief Project.

632 41/0019 − Waslet korrespondenza mid-Door Numbering Unit biex il-Kunsill ikun avżat biex ma jsirux eżerċizzji ta' numerar ta' bibien sakhemm jinformawna huma. Dan minħabba l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-Karti ta' L-Identita' li huwa ppjanat għal matul l-2014.

633 41/0016 − Il-Kunsill irċieva ittra mill-Kumitat ta' L-Ismijiet tat-Toroq fejn ġie informat li ġiet approvata t-talba li Triq Villa Ambrosia tissemma Triq il-Franġiskani. Il-Kunsill għandu jordna tabella ġdida għal-parti tat-Triq li taqa fil-konfini ta' l-Imsida u għandha tintbgħat ittra lir-residenti ta' dik it-Triq biex jiġu mgħarfa b'dan it-tibdil uffiċċjalment. F'din l-ittra għandhom jiġu informati li m'għandhomx bżonn ibiddlu l-Karta ta' L-Identita' minħabba li daqt isir eżerċizzju fejn dawn ser jinbiddlu.

634 Is-Sindku resqet artiklu li deher fil-gazzetta l-Mument fejn ġie intervistat is-Sur Charles Selvaggi. Is-Sur Selvaggi stqar li ġie misinterpretat fl-aħħar sentenza. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ġie ikkonsultat fir-rigward tat-tibdiliet tat-Trasport Pubbliku u li l-Kunsill bagħat is-suġġerimenti bil-miktub lill-Ministeru kkonċernat.

635 Fuq korrespondenza li rċieva l-Kunsill rigward problemi ta' parkeġġ ħdejn il-flattijiet tal-Gvern (fil-viċinanzi tal-Kunsill) Is-Sur Selvaggi qal li l-Kunsill jista jitlob permess biex jiġu mmarkati linji tal-parkeġġ fuq il-bankina. Il-Viċi Sindku ikkonferma li hemm bżonn permess speċjali. Is-Sur Selvaggi talab informazzjoni fuq il-'bollards' li saru u ġie informat li f'dan il-Kunsill saru tal-YWCA, ta' l-Equal Partners u oħra minħabba persuna li kellu bżonn aċċess minħabba li hu f'siġġu tar-roti. Il-Kunsill qabel li veru hemm problema ta' parkeġġ meta tkun ix-xita imma li ma jistax ikun li r-residenti jimblokkaw l-entraturi ta' uffiċċini. Il-Kunsill ġie informat li l-ħaddiema tal-Kunsill, bl-għajnuna tal-ħaddied, qed jużaw ħadid li diġa għandu l-Kunsill biex isiru l-'bollards' u għalhekk qed jiswew biss €8 il-waħda.

636 41/0060 − Il-Kunsill qabel li s-Sur Joe Demarco jintalab jinvestiga l-ilment tal-Micro Data Technology fi Triq il-Prinċipessa Margerita.

4 Approvazzjoni tal-Pagamenti

637 Il-pagamenti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ kunsilliera.

638 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li qed isiru diskussjonijiet biex tinbidel il-formula ta' kif jiġu allokati l-fondi lill-Kunsilli. Qal li kull Kunsill intalab jimla formola fuq in-nefqa tal-Kunsilli u jibgħatuha lid-Dipartiment.

5 Kumitat Amministrattiv Swatar

639 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li ser jintalbu kontijiet separati mill-Kuntratturi fir-rigward tas-servizzi tas-Swatar, biex jibdew jiġu posted separati. Dawn biex il-KAS ikun jaf eżatt in-nefqa ta' l-allokazzjoni tagħhom mill-fondi ta' L-Imsida. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tistaqsi jekk is-Swatar ikunx marbut li jkollu 10% ta' l-allokazzjoni fil-kont tal-bank fl-aħħar tas-sena, bħal ma huma obbligati l-Kunsilli. Iċ-'Chairperson' li kienet preżenti għal-laqgħa qalet li hi trid li l-KAS jingħatalu l-flus li ma nefaqx fit-toroq matul l-aħħar snin. Hi ġiet informata li jekk dawn il-flus ma ntefqux biex issir triq xorta waħda intefqu biex isiru xogħolijiet jew jingħataw servizzi fil-lokal tas-Swatar. Il-Kunsill qabel li din is-sistema proposta mis-Segretarju Eżekuttiv tahdem fuq perjodu ta' prova ta' 3 xhur.

640 Il-Kunsill ġie informat bid-diskussjoni li kellu l-KAS minħabba art fil-limiti tas-Swatar li hu għaddej minn proċess ta' Rationalisation fil-MEPA. Il-Kunsill qabel li kwalunkwe żvillupp li jsir għandu jżomm f'moħħu l-problema tat-traffiku minħabba is-St Martin's College u għandu jsir studju tajjeb fuq dan. Qablu ukoll li m'għandhomx jinbnew aktar flattijiet u li l-iżvillup ikun sostenibbli fir-rigward ta' parkeġġ (issemmiet il-possibilita' ta' parkeġġ taħt l-art). Talbu wkoll li jiġi assigurat l-integrita' aestetika tas-Swatar u li jiġi limitat l-għoli ta' l-iżvillupp. Importanti li jitħallew diversi spazji miftuħa għar-rekreazzjoni u tisbieh. Is-Sur Matthew Agius stqar li hu ma jaqbilx li din l-art għandha titneħħa mill-ODZ.

641 Iċ-'Chairperson' għamlet talba fir-rigward ta' l-art ta' quddiem il-bandli biex jiġu mħawla xi siġar. Għandu jiġi kkonfermat jekk din l-art hix tal-Gvern jew le.

642 Iċ-Chairperson qalet ukoll li l-eżerċizzju tat-Traffic Management huwa miexi u ilmentat fuq is-servizz tat-Trasport Pubbliku fiż-żona. Hi ġiet

informata li bħalissa s-servizz tat-Trasport Pubbliku għaddej minn ristrutturazzjoni u għalhekk jista jkun hemm xi ineffiċjenzi sakemm jerġgħu jiġu kkonfermati r-rottot.

## 6 Laqgħat li saru mis-Sindku, Kumitati u Sotto-Kumitati.

643 Is-Sur Matthew Agius informa lill-Kunsill bl-iżvilluppi li saru fil-Kumitat tas-Sajd. Hu qal li saret l-AGM fl-uffiċċini tal-Kunsill biex jinħatar il-Kumitat. Qal li kien hemm il-konflitti bejn xi membri u s-Sindku u l-Kunsilliera preżenti ċemplu lill-Pulizija biex setgħet titkompla l-laqgħa. Il-Kunsill ma jistax jindaħal fl-operat ta' dan il-Kumitat pero' qal li kien hemm numru ta' nies li urew li huma inkwetati li l-membri li nħatru mhumiex eliġibbli għal din il-ħatra skont l-istatut ta' l-istess Kumitat. Sar qbil li l-Kunsill, minħabba l-Bye Law, għandha dritt tkun taf min qed jamministra l-art ta' l-iskall u għalhekk, il-Viċi Sindku qabel li l-Kunsill għandu jassigura li min qed jirrappreżenta l-għaqda jkun rappreżentat skont il-kriterji li jistipula l-istatut ta' l-istess għaqda. Sar qbil li s-Sindku ser titlob lis-Segretraju tal-Kumitat tas-Sajd biex l-għada stess jiġu żewġ membri tal-Kumitat il-ġdid u jġibu magħhom kopja tal-permess ta' l-Irmiġġ fl-Imsida ta' kull membru tal-Kumitat.

644 Is-Sindku semmiet kwistjoni oħra li kien hemm fir-rigward tal-Kumitat tas-Sajd. Qalet li daħlu xi rapport li kien hemm xi ħadd li kien ser itellgħa id-dgħajsa kummerċjali tiegħu fuq l-iskall. Is-Sur Matthew Agius qal li jekk inhi ikbar mid-daqs stipulat fil-'Bye Law' il-Kunsill għandu jinforma lill-Pulizija b'dan l-abbuż. Sar qbil li l-Kunsill jinforma lill-Ispettur. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk id-dgħajsa tkun inqas minn 12-il-metru, sidha jintalab japplika u jekk ma japplikaz jeħel il-multa skont il-liġi.

645 Saret laqgħa mal-kumpanija tal-Metropolis fejn qalu li ser isewwu Triq Giorgio Mitrovich b'xi materjal żejjed li għandhom. Qalu wkoll li ser jagħtuna iżjed dettalji dwar l-iżvilluppi li ser isiru u l-importanza ta' din it-triq partikolari fil-proġett malli jkollhom aktar informazzjoni.

646 Is-Sindku, Is-Sur Brincat u s-Segretarju ltaqghu mal-Periti u saret diskussjoni fuq diversi xogħolijiet li qed jintalbu biex isiru, fosthom it-'traffic management' ta' hdejn il-Junior College, u hdejn l-Invicta, u Triq Dun Kalcidon Schembri. Intalbu jagħtu parir fuq 'traffic management' għal Triq il-Kunċizzjoni u Triq San Alwigi.

647 Saret laqgħa oħra ma' l-Ispettur fejn kienu mistiedna jattendu l-membri tal-Kunsill. Il-punti diskussi intbagħtu lil kull kunsillier.

648 Saret laqgha ma' Audrey Testaferrata Denoto mit-TM fuq il-proġett ta' Xatt L-Imsida. Il-Minuti ta' din il-laqgħa intbagħtu lil kull membru tal-Kunsill.

649 Saret laqgħa qasira bejn rappreżentanti tar-residenti li joqgħodu fil-flats ta' ħdejn il-Kunsill fuq il-problemi tal-parkeġġ u l-'bollards'. Attendew is-Sindku u s-Segretarju u dawn spjegaw kif il-Kunsill jaf bil-problema ta' parkeġġ meta jkun hemm l-għarar pero' saħqu fuq l-importanza li meta t-temp ikun tajjeb ma jsirx ipparkjar fuq il-bankini u li dejjem jiġi assigurat aċċess lil min qed juża l-uffiċċini u min irid jaċċessa d-dħul ta' l-appartamenti.

## 7 Riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv

650 Il-Kunsill approva t-talba tar-riżenja tas-Segretarju Eżekuttiv u rringrazzjawha tax-xogħol li wetqet matul dawn l-aħħar xhur.

651 Gie deċiz li l-membri tal-Bord ta' l-Għazla tas-Segretarju l-ġdid ser ikunu Is-Sindku, Is-Sur Bartolo u s-Sur Abela Wadge.

## 8 Affarijiet oħra jekk urġenti

652 Is-Segretarju resqet proposta lill-Kunsill biex jikkonsidraw li tibda tintuża sistema ta' Internet Banking biex flok li il-pagi/onorarji jingħataw b'ċekk jibdew jiġu depożitati dritt fil-kont ta' l-impjegat/kunsillier.

653 Is-Segretarju informat lill-Kunsill li l-ETC kienu bagħtu lista ta' applikanti tajbin għal xoghol mal-Kunsill u ppreżentat ittra li kienet ġiet mibgħuta lis-Sindku preċedenti mill-ETC. Il-Kunsilliera li kienu jifformaw parti mill-Kunsill ta' l-aħħar leġislatura qablu li qatt ma raw din il-korrespondenza u li qatt ma saru diskussjonijiet fuq dawn l-applikanti. Sar qbil li tintalab lista ġdida mill-ETC biex il-proċess jibda mill-ġdid.

654 Is-Segretarju resqet il-'Performance Appraisals' tal-istaff tal-Kunsill, flimkien ma' ta' l-Aġent Segretarju Arthur Perici u tas-Segretarju stess għal konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li Arthur Perici jinghata 10% minħabba x-xogħol li għamel fl-ewwel tlett xhur tas-sena. Qabel ukoll li s-Segretarju għandha tingħata l-10%. Il-Kunsill qabel li l-membri ta' l-istaff jingħataw il-massimu minħabba li fl-ewwel tlett xhur ta' din is-sena ħadmu ħafna biex il-Kunsill ikompli bix-xogħol meta il-Kunsill kien mingħajr Segretarju. Qalu wkoll li matul il-bqija tas-sena kienu utli biex titgħallem is-Segretarju l-ġdida. Il-Kunsill iddiskuta pero' li hemm xi processi li jistgħu jinbidlu biex il-Kunsill jiffunzjona b'mod aktar effiċjienti u ser jaraw li jsiru t-tibdiliet neċessarji mill-aktar fis. Sar qbil li l-istaff jiġu nformati b'dan u li ssir evalwazzjoni oħra fi żmien sitt xhur biex il-Kunsill

ikun jaf x'tibdiliet ġew implementati u kemm qed jikkontribwixxi kull membru ta' l-istaff.

655 Ittieħdet deċiżjoni li l-għaqdiet li huma mill-Imsida jieħu l-ilma b'xejn meta jagħmlu attivita' ta' 'Carwash'. Fil-waqt li l-prassi hi li l-għaqdiet li mhumiex mill-Imsida jridu jipprovdu bowser huma, l-Kunsill żamm id-dritt li jevalwa u jiddeċiedi fuq kull talba skont il-każ.

656 Is-Sur Abela Wadge saqsa fuq xi arbli ġodda ta' Parkeġġ Residenzjali li twaħħlu fix-Xatt tax-Xbiex. Saqsa jekk sarux issa. Dan għandu jiġi kkonfermat mas-Sindku ta' tax-Xbiex.

657 Is-Sur Abela Wadge saqsa wkoll fuq Triq Victor Denaro u ġie informat li l-ħsara fid-dwal qed jiġi msewwi u li Ibierah kien mixgħul.

658 Is-Sur Abela Wadge saqsa wkoll fuq it-taxxa li titiehdet fuq l-onorarja tal-Kunsilliera u ġie informat mill-Kunsilliera l-oħra li normali li t-taxxa tkun 20%.

659 Is-Sur Abela Wadge semma li kellu jiżdied parkeġġ ħdejn il-Busy Bee. Is-Sur Dimech ghandu jieħu ħsieb li dan isir.

660 Is-Sur Matthew Agius fakkar lill-Kunsill li għandu jkun hemm follow-up għall-laqgħa li saret mas-CEO tat-Transport Malta.

661 Is-Sur Matthew Agius qal ukoll li għandu jkun hemm pjan fuq it-tiswijiet tat-toroq u semma FH Herse, Triq tal-Qroqq u H Calleja Schembri bħala toroq li għandhom bżonn xogħolijiet urġenti.

662 Is-Sur Matthew Agius qal ukoll li meta sar il-ħajt ta' ħdejn l-iskola tneħħew xi dwal u talab li ssir pressjoni mill-Kunsill biex dawn jerġgħu jsiru.

663 Is-Sur Bartolo ilmenta fuq l-istudenti tal-Junior College li qed jorbtu studenti li jkollhom il-'Birthday' ma' siġra partikolari u jissottaw il-bajd, tqiq u ilma. Hu talab biex din iz-żona tingħalaq bil-ħadid għoli ħalli ma jkunux jistgħu jidħlu u qal li l-ispiża ta' dan il-ħadid ma jaqbiż l-€500. Is-Sur Matthew Agius qal li mhux konvint li dan il-ħadid huwa bżonnjuz għax qal li xorta ser isibu mezz biex jidħlu. Is-Sur Bartolo kien mitlub jipprovdi stampi ta' kif ser jiġi d-disinn u il-Kunsill qabel li jerġa jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

664 Is-Sur Bartolo ppropona wkoll li ssir attivita' mat-tfal ta' l-iskola biex jitħawlu xi pjanti u jsir xi ħadid bil-kuluri biex in-nies ma jidħlux bil-klieb fil-ħamrija ta' fejn l-iskola. Is-Sur Matthew Agius talab għal proposta ahjar u ġie deċiz li jsiru żewġ linji ta' ktajjen.

665 Is-Sur Bartolo tkellem fuq ilment tal-post ħdejn l-HSBC minħabba ħmieg li hemm barra l-post. Sar qbil li ssir ittra lis-sid biex dan jitnaddaf.

666 Il-Kunsill ġie imfakkar li l-Ikla tal-Milied kienet ser tkun fil-31 ta' Jannar 2014 fir-Restaurant Don Berto, Il-Birgu. Il-Kunsill ikun jista jħallas €30 kull Kunsillier jew membru ta' l-Istaff, ghħalhekk il-Kunsilliera ġew informati li min iġib Partner iħallas separat.

667 Il-laqgha giet aggornata fid-21:59.

Approvati llum ____________________

| | |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai | Marita Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |